**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 18 ta' Frar 2021**

Rikors Numru: 404/20 AL

A B

vs

C D

(M.R. Nru: 1692/2007)

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iż-żwieġ fil-21 ta' Ottubru tas-sena 2007 (Dokument CG 1) u miż-żwieġ tagħhom kellhom tifel, E D illi twieled fit-8 ta' Jannar 2014.

2. Illi l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppublikat minn-Nutar Dottor Rachel Busuttil fit-tmienja ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (08.06.2017) (Dokument CG 2).

3. Illi għalkemm kif ingħid, il-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-kontendenti ġie ppublikat anqas minn erba’ (4) snin, l-istess kontendenti kien ilhom mill-31 ta’ Marzu 2016 mifruda de facto (Artikolu 3 a fol.2).

4. Illi kif jirriżulta mill-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni tagħhom irregolaw l-obbligi tal-ħlas ta’ manteniment mingħand xulxin (Artikolu 6(e) a fol. 3); Inoltre l-manteniment għall-imsemmi tifel E D, ġie regolat fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni (Artikolu 5 a fol 10).

5. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.

6. Illi għalhekk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni, m’huwiex meħtieġ illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. A tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-esistenza ta’ dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta’ Novembru, 2020;

Rat ir-risposta tal-intimat C D li permezz tagħha espona:

1. Illi preliminarjament l-esponenti jikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom aktar minn erba’ snin separati de facto, kif ukoll li bejniethom m’hemm l-ebda possibilita’ ta’ rikonċiljazzjoni.

2. Illi effettivament, l-esponent jaqbel ukoll illi l-manteniment huwa regolat bil-kuntratt kif ukoll li bħala stat ta’ fatt m’hemmx arretrati dwar l-istess;

3. Illi madanakollu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad li ċ-ċirkostanzi taż-żewġ partijiet inbiddlu drastikament minn mindu ffirmaw l-imsemmija separazzjoni, tant li l-esponent, llum m’għadux f’qagħda finanzjarja stabbli stante illi minn Marzu 2020, fl-isfond tal-imxija tal-COVID-19, l-introjtu tiegħu naqas bin-nofs, u għalhekk huwa impossibli illi jkompli jonora l-obbligi kollha kif ikkontrattati fil-kuntratt ta’ separazzjoni. Jingħad li oltre l-manteniment mensili, l-esponent iħallas wkoll għall-ispejjeż edukattivi kollha tal-minuri fosthom il-miżati tal-iskola San Andrea, uniformijiet, kotba u stationery; liema llum jinsab fl-impossibilita’ li jkompli jħallas;

4. Illi jingħad li huwa anke għalhekk l-esponent intavola proċedura ta’ medjazzjoni ad hoc sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, senjatament illi huwa ma jibqax jerfa’ waħdu l-piż tal-ispejjeż edukattivi tal-minuri;

5. Illi finalment, l-esponent jopponi għall-ispejjeż kollha tal-proċeduri odjerni;

Tant għandu x’jissottometti l-esponent f’dan l-istadju.

Rat l-Artikolu 66 A u 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti rat illi fir-risposta tiegħu l-intimat issottometta illi peress illi ċ-ċirkostanzi taż-żewġ partijiet inbiddlu drastikament minn mindu ffirmaw il-

kuntratt ta' separazzjoni, llum il-ġurnata l-intimat m'għadhux f'qagħda finanzjarja stabbli sabiex jkompli jonora l-obbligi kollha kif kkuntrattati fil-kuntratt ta' separazzjoni u senjatament fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment u ħlas ta' spejjeż edukattivi tal-minuri.

Illi l-intimat xehed ukoll f'dan ir-rigward.

Illi l-avukati difensuri tal-partijiet ttrattaw dan il-punt u Dr. Stephen Thake għar-rikorrenti issottometta illi una volta illi r-rikors sar mir-rikorrenti, l-parti li mhijiex tirċievi l-manteniment, il-fatt illi l-intimat m'huwiex jħallas il-manteniment allura jagħtiha il-jedd illi titlob u tottjeni id-divorzju.

Madanakollu, l-Qorti rat l-Artikolu 66 B illi jgħid hekk:

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:...*

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti ma rrinunzjatx għall-manteniment.

Illi għalhekk ma treġix it-trattazzjoni tal-avukat difensur tagħha fis-sens illi una volta r-rikorrenti m'hijiex il-persuna li m'hijiex qegħda tħallas il-manteniment hija tista' tottjeni d-divorzju.

L-Artikolu 66D msemmi mill-avukat difensur jitratta eċċezzjonijiet illi jista' jġib intimat jew intimata li bihom joġġezzjona jew toġġezzjona li l-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.

Madanakollu kif tgħid wkoll il-liġi dana bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 li jgħid ċar illi l-Qorti trid tkun sodisfatta illi oltre r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu A u fil-paragrafu B tal-Artikolu 66B jrid jkun sodisfatt wkoll r-rekwiżit msemmi fil-paragrafu Ċ u ċioe' illi l-miżżewġin u kull wild qegħdin jirċievu manteniment adegwat fejn hu dovut skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom u f'dan il-każ hemm kuntratt viġenti bejn il-partijiet li jobbliga lill-intimat jħallas manteniment u rriżulta li fil-preżent l-intimat m'huwiex qiegħed jħallas tali manteniment.

Għaldaqstant il-Qorti m'għandha l-ebda alternattiva ħlief illi tiċħad din it-talba bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.